MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## LAURENCE QUINTANO

Seduta tas-27 ta' Novembru, 2009

Numru 581/2009

**Il-Pulizija**
**Sp Paul Bond**
**vs**
**Jeff Zerafa**
**Ricky Vella**

**Il-Qorti**

**Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Jeff Zerafa iben Joseph u Adriana nee' Azzopardi mwieled Pieta fit-8 ta' Frar 1988 u residenti 'Gordon Court' Flat 3, Triq il-Mazzola San Pawl il-Bahar, ID 92488 (M).**

**U**

**Ricky Vella iben Martin u Lynn nee' Richards mwieled Pieta fis-6 ta' Novembru 1991 u residenti 112 Triq Napuljun Caruana Dingli Mellieha, ID 582991 (M).**

**Akkuzati talli fl-1 ta' Mejju 2009 wara nzul ix-xemx dahlu fil-pool tal-lukanda maghrufa bhala 'La Pergola' li qeghda fi Triq Adenau, Mellieha minn fejn kkommettew serq ta' birra, gelati u cikkulata li l-valur taghhom jammonta gahl 135.33 Euro, liema serq hu aggravate bil-mezz u hin u dan ghad-dannu tal-propjetarji ta' l-istess lukanda.**

**U iktar tallif l-istess data, hin u lok, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg hadiehor, mobbli jew immobbli, liema hsarat jammontaw ghal 307 Euro u dan ghad-dannu ta' l-istess propjetarji.**

**Rat l-atti kollha tal-process. Rat l-ammissjoni ta' l-imputati ghal dawn iz-zewg imputazzjonijiet, liema ammissjoni huma kkonfermaw wara li nghataw hin bizzejjed biex jahsbuha. Ghal daqstant dawn iz-zewg imputazzjonijiet gew ppruvati skond il-ligi.**

**Il-Qorti wara li rat l-Artikolu 17 H, 261 (b) u (f), 263, 270, 278 (2), 325 (1b) tal-Kap 9 ssib lill-imputati hatja taz-zewg imputazzjonijiet b'dan pero li t-tieni imputazzjoni hija assorbita fl-ewwel wahda ghax kienet il-mezz ghall-ghan. Stane li huma ghamlu ammissjoni bikrija u ammettew mill-ewwel mal-pulizija, flok tikkundannahom qed tilliberahom bil-kundizzjoni li ma jaghmlu ebda reat iehor fi zmien sentejn millum. Il-Qorti spjegat l-Artiklu 22 tal-kap 446 lill-imputati fi kliem semplici. Din id-decizjoni tiswa' wkoll biex jithallas id-dejn civili u dan ai terminu ta' l-Artikolu 25 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta u dan id-dejn jammonta ghal ta' l-inqas 442.33 Euro, liema ammont jista' jithallas fi zmien tliet xhur millum. Ghad-dejn l-imputati huma responsabbli solidarjament skond il-Kodici Civili.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------